MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1528/1998/1

**Alfred Massa**

**Vs**

**Maria Concetta Massa**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet izzewgu fl-1970 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Michelle li llum ghandha sitta u ghoxrin sena;

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hajta fil-konfronti ta' l-attur ta' servigi, ingurji gravi u adulterju;

Premess illi ghalhekk il-hajja mizzewga bejn il-partijiet ma baqghatx iktar possibbli;

Premess illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghall-aktar minn tmienja u ghoxrin sena;

Premess illi l-attur talab u ottjena d-debita awtorizazzjoni halli jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara, tiddeciedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghall-tortijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi tassenja lill-attur is-sehem tieghu mill-istess assi;

3. Tiddikjara illi l-konvenuta ghall-tortijiet lilha imputabbli htija ta' liema iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser iddekadiet minn sehemha tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet liema sehem ghandu jigi assenjat lill-attur;

4. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 53 tal-Kapitolu 16 safejn applikabbli ghaliha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma' pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu giet nominat Dr Deborah Huber bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hija kawza fejn wara firda *de facto* tal-koppja ghal dawn l-ahhar tnejn u tletin (32) sena l-attur qed jitlob li din l-istess firda tittraduci ruhha f'wahda legali. Ghalhekk biss jidher li saret il-kawza, in kwantu mill-kumplament ma ngiebu provi ta' xejn;

Il-konvenuta baqghet kontumacja u l-unika prova tikkonsisti fl-Affidavit ta' l-attur innifsu esebit a fol. 25 tal-process. Minnu jirrizulta dan li gej:-

1. L-attur ma jahdimx u ma ghandux proprjeta`;

2. B'kollox iz-zwieg dam hames(5) xhur. Hu telaq ghal rasu u martu sabet sistemazzjoni band'ohra;

3. Minn dan iz-zwieg twieldet l-unika bint, illum maggorenni;

4. Minn kemm ilhom mifruda martu iffurmat familja ma' ragel iehor u ghandha zewgt itfal, wahda ta' eta` magguri u l-iehor minorenni;

5. Minn naha tieghu hu wkoll intrabat f'relazzjoni ma' mara ohra u minnha ghandu tifla;

Fil-fehma tal-Qorti l-attur, *stricto jure*, ma ipprova l-ebda wahda mill-kawzalitajiet li fuqhom iffonda l-azzjoni tieghu. B'danakollu tifhem ukoll li hu difficli wara tant trapass ta' snin li wiehed jasal ghal prova certa dwarhom jew uhud jew wahda minnhom. Xorta wahda pero` ser tawtorizza s-separazzjoni. Mehud rigward tad-diffikulta` tal-prova,

jezistu bizzejjed elementi minn dak li jinghad fl-Affidavit ta' l-attur li kapaci jwasslu ghal prova indizjarja, jew ghallanqas il-presunzjoni ta' ingurji gravi reciproci. Il-fatt li l-attur stess jikkonferma li kemm hu kif ukoll martu iffurmaw familja ghal rashom ma jhalli l-ebda dubju ta' l-ezistenza, jekk mhux ghal kollox ta' l-adulterju, gjaladarba dak li ssuccieda sehh wara l-firda *de facto*, ghallanqas ta' l-ingurji gravi;

Meta dan il-motiv gie pruvat ma hemmx in-necessita` li jigu provati l-kawzalitajiet l-ohra allegati ghas-separazzjoni personali ghax hu bizzejjed li tirrizulta wahda biss mill-kawzalitajiet (**Vol. XXVI P II p 110**).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijet reciproci;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba billi l-ebda provi ma tressqu dwar il-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Tichad it-Tielet u r-Raba' Talbiet attrici billi ma jokkorrux ic-cirkostanzi ghal pronunzjament tad-dekadenza fil-konfront tal-konvenuta.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu supportati ugwalment bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------